MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Numru 54/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**HORACE ZAMMIT**

**Illum, 17 ta’ Jannar, 2003**

Il-Qorti.

Rat l-imputazzjoni li permezz tagħha Horace Zammit, ta’ 30 sena, bin Anġlu u Nina nee’ Lija, imwieled Żabbar nhar it-13 ta’ Settembru, 1972, residenti fil-fond numru 41, Sqaq Lajri, Żabbar, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ numru 403872 (M) ġie akkużat:-

Talli fis-17 ta’ Jannar, 2003, ġo Ħaż-Żabbar, għal ħabta tal-11.00 ta’ filgħodu nġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta’ PC 23 Stefano Calleja, PC 451 Aaron

Bugeja, PC 1473 Simon Deguara u PC 1574 Ronald Cremona bħala uffiċjali nkarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku waqt li jkunu jagħmlu jew minħabba li jkunu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom, jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dan is-servizz ai termini tal-artikolu 95, tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.

U aktar talli fl-istess post, data, u ħin, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC 23 Stefano Calleja, PC 451 Aaron Bugeja, PC 1473 Simon Deguara u PC 1574 Ronald Cremona, bħala persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku filwaqt li aġixxew għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti, ai termini ta' l-artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ukoll talli fl-istess post, data u ħin, kiser il-bon ordni u paċi pubblika b'għajjat u storbju, kif ukoll dagħa u kliem faħxi.

Ukoll talli għal ħabta ta' nofsinhar, nhar is-17 ta' Jannar, 2003, ġo' l-uffiċċju ta' l-Ispettur Mifsud, ġol-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil PC 23 Stefano Calleja, PC 451 Aaron Bugeja, PC 1473 Simon Deguara u PC 1574 Ronald Cremona, akkuża lil dawn il-persuni quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dawn il-persuni huma nnoċenti ai termini ta' l-artikolu 101 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Innutat li Dr Franco Debono u Dr David Camilleri għall-Imputat iddikjaraw li mhux kontestata l-legalita' ta' l-arrest ta' l-Imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali markat bħala Dok. PS2 u nnutat li l-Imputat ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet l-ammissjoni ta' l-Imputat u spjegat bl-aktar mod solenni lill-Imputat rigward il-konsegwenzi ta' l-ammissjoni

tiegħu u tagħtu ftit taż-żmien sabiex jiddeċiedi jekk jikkonfermax tali ammissjoni jew le u wara li reġa’ ġie mistoqsi jekk iridx jikkonferma l-ammissjoni tiegħu jew le, l-Imputat reġa’ wieġeb li hu ħati.

Rat l-art. 95, 96, 338(dd), 338(bb), 342 u 101 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti ssib lill-Imputat Horace Zammit, fuq ammissjoni ta’ l-istess Imputat, ħati ta’ l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-Imputat Horace Zammit għall-piena komplessiva ta’ sentejn priġunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu għall-piena ta’ priġunerija ma għandhiex tibda’ sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-Imputat Horace Zammit jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija u l-Qorti qed tagħti lill-Imputat Horace Zammit l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------